# Il-Fratellanza tal-Madonna tar-Rużarju fiż-Żejtun



**Mario Fenech**

Il-Parroċċa taż-Żejtun hija waħda mill-eqdem li għandna fil-Gżejjer Maltin. Twaqqfet fil-Knisja magħrufa bħala "San Girgor il-qadim".

Meta żar din il-Knisja l-Isqof Mons. Pietru Dużina fis-6 ta' Lulju 1575 huwa sab li din kienet diġà mwaqqfa bħala Parroċċa.

Bħal ma kien isir f'bosta Knejjes oħrajn f'Malta u Għawdex fil-Knisja twaqqfu xi Fratellanzi bl-ewwel waħda tkun dik tas-Santissmu Sagrament fis-sena 1575 mill-istess Mons. Duzina. Aktar tard imbagħad twaqqfet il-Fratellanza tal-Madonna tar-Rużarju fis-sena 1597 fi żmien meta l-Kappillan tal-Parroċċa kien Dun Mattew Burlo.

Id-Digriet tat-twaqqif ta' din il-Fratellanza kien ħarġu l-General tal-Patrijiet Dumnikani Paolo Tarasio Mirandulanda. Il-Fratellanza twaqqfet fuq l-Artal tal-Madonna tar-Rużarju li kien diġà jeżisti f'wieħed mill-Kappelluni tal-Knisja l-qadima mibni fis-sena 1593.

Meta bdiet tintuża l-Knisja l-ġdida ta' Santa Katerina din il-Fratellanza ġie ittrasferita għal fuq l-Artal li hemm fil-Kappellun tan-naħa tal-lemin tal-Knisja.

Fuq dan l-Artal tpoġġa l-Kwadru li sar mill-Artist Ġann Nikola Buhaġiar fis-sena 1728. Jdiher li din il-Fratellanza minn fejjem kienet waħda numeruża u ħabrieka għaliex kienet tqabbad artisti magħrufa biex jagħmlu x-xogħolijiet tagħhom. Hekk għamlu meta ġew biex ipinġu l-apside ta' fuq l-Artal.

Għal dan ix-xogħol kien tqabbad l-Artist Francesco Zahra. Din il-Pittura saret fis-sena 1739. L-istess Fratellanza ħadet ħsieb tibni bil-flus tagħha s-Sagristija magħrufa bħala tar-Rużarju fis-sena 1740, jiġifieri sena biss wara li kien tlesta x-xogħol tad-dekorazzjoni tal-Artal tal-Fratellanza.

Il-Fratellanza kienet tagħmel xogħol kbir biex ixxerred id-Devozzjoni lejn r-Rużarju Mqaddes. Kienet Fratellanza li daħlet ukoll biex tieħu ħsieb torganizza l-Purċissjoni bil-Vari tal-Ġimgħa l-Kbira. Skont ir-Rappost tal-Vista Pastorali li kienet saret fir-Raħal fis-sena 1759 nafu li l-Fratellanza kellha sitt vari mis-sett li kien jintuża għal Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. Fir-Reġistri tal-Fratellanza hemm ukoll għadd ta'



ndikazzjonijiet ta' ħlas li kien isir biex il-Purċissjoni l-Knira tkun tista' issir b'mod xieraq.

L-ewwel vara tal-Madonna li kellha din il-Fratellanza kienet saret mill-iskultur Żejtuni Antonio Fabri fis-sena 1769. Saret fi żmien meta l-Prokuratur tal-Fratellanza kien Ġużeppi Darmanin. Kienet swiet is-somma ta' 70 skud.

Meta saret l-Istatwa li ghandha l-Fratellanza llum, din l-Istatwa ġiet mibjugħa lil Knisja ta' Santa Liberata tal-Patrijiet Kapuċċini fil-Kalkara għas-somma ta' 125 skud. Dan jidher fir-reġistru tal-Atti tan-Nutar A.V. Caruana ta' nhar l-20 ta' Settembru 1803.

It-Tieni Statwa tal-Madonna tar-Rużarju saret fl-istess 1803. Jingħad li din hija x-xogħol tal-Iskultur Marjanu Gerada minħabba x-xebħ li hemm ma Statwi li għamel dan l-Iskultur għal Knejjes oħrajn.

Il-Festa tal-Madonna tar-Rużarju tiġi organizzata mill-Fratellanza fix-xahar t'Ottubru fejn issir ukoll Purċissjoni Devota ħafna b;din l-Istatwa li fiha jieħdu sehem numru sabieħ ta' Fratelli u nies li flimkien jgħidu t-Talba tar-Rużarju Mqaddes.

L-Artal tal-Madonna tar-Rużarju jintrama b'opri mill-isbaħ li saru matul is-snin li ilha mwaqqfa l-Fratellanza, kemm matul il-jiem tal-Festa Titulari ta' Santa Katarina fix-xahar ta' Ġunju kif ukoll waqt il-jiem tal-Festa tal-Madonna tar-Rużarju fix-xahar t'Ottubru.

Din il-Fratellanza baqgħet taqdi d-dmirijiet tagħha li xxerred kemm tista' d-Devozzjoni lejn il-Madonna tar-Rużarju.

Il-Festa t-tajba lil kulħadd.